# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 1002/2016MH**

**Illum 2 ta' Jannar, 2016**

**Globalair Travel Ltd (C5893)**

**Vs**

**Tomie McCarthy gia Makita (I.D. no. 48799A)**
**Oliver Marco La Rosa (I.D. no. 121427A)**
**Richmoore and Anderson Holding Ltd (C76206)**
**Richmoore and Anderson Limited (C50159) u 1SON Ltd (C75210)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Tomie McCarthy gia Makita fejn gie sottomess:

***"Illi fil-wiehed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) is-socjeta' sekwestranti Globalair Travel Ltd, ipprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-sekwestrati Tomie McCarthy gia Makita, Oliver Marco La Rosa (I.D. no. 121427A), Richmoore and Anderson Holding Ltd (C 76206), Richmoore and Anderson Limited (C 50459) u 1SON Ltd (C 75210) ghall-valur ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000) fejn il-kawzali giet indikata***

*bhala "danni likwidati b'mod provvizzorju kif dedotti fil-kawza" intavolata mill-istess socjeta' sekwestranti kontra s-sekwestrati (Rik. Gur. Nru 762/2016MH), kontestwalment mal-mandat de quo;*

*Illi din l-Onorabbli Qorti laqghet il-mandat kawtelatorju de quo;*

*Illi s-sekwestrata Tomie McCarthy gia Makita qed tipprezenta dan ir-rikors sabiex il-mandat kawtelatorju surriferit jigi revokat ghal kollox fil-konfront taghha u dan abbazi tal-artikoli 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi bħala punto di partenza, għandu jingħad li l-unika relazzjoni guridika bejn is-sekwestranti u s-sekwestrata kienet dik ta' impjieg naxxenti minn kuntratt iffirmat fl-10 ta' Settembru 2017 li baqa' fis-seħħ sa meta ġie terminat fis-7 ta' Ġunju 2016 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A1) fejn is-sekwestrata kienet ingħatat il-posizzjoni ta' Full-Time Co-Ordinator, posizzjoni li ma ġġorx l-obbligi ta' fiduċjarja a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat mis-soċjeta sekwestranti fir-rikors ġuramentat preżentat kontestwalment mat-talba għal ħruġ tal-mandat de quo;*

*Illi dan il-kuntratt ma' joħloq l-ebda obbligi li jkomplu jissusistu wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg u għaldaqstant ma seta' qatt ikun hemm xi obligi naxxenti mill-kuntratt li s-sekwestrata naqset milli tezegwixxi li setgħa wassal biex is-sekwestranti jsofru danni li jiġġustifikaw li s-sekwestru de quo jinzamm fis-seħħ;*

*Illi jidher li l-ilment ewlieni tas-soċjeta sekwestranti huwa bbazat fuq allegazzjoni li s-sekwestrata ftehmet ma' oħrajn sabiex taġixxi b'mod zleali li seta' jikkaġuna danni għas –soċjeta sekwestranti;*

*Illi l-bazi ta' din l-allegazzjoni nfondata hija li allegatament is-sekwastrata ikkomunikat ma' terzi li s-soċjeta sekwestranti qed tikkunsidra bħalha klijenti tagħha iżda dan huwa ferm dibattibli jekk dawk il-klijenti ġewx introdotti mis-sekwestrata stess bħalha klijenti li diġa kellha relazzjoni professjonali magħhom qabel ma bdiet taħdem mas-soċjeta' sekwestranti jew jekk dawn il-klijenti ġewx introdotti lis-soċjeta' sekwestranta waqt li s-sekwastrata kienet impjegata magħhom;*

*Huwa wkoll pertinenti li jingħad li s-sekwestrata t'amministra Blog li kien magħmul minnha stess qabel ma bdiet taħdem għas-soċjeta' sekwestranti, li huwa ndirizzat lejn is-suq Ġappuniz u turisti min dan is-suq li jridu jiġu Malta għall-btajjal u dan minn dejjem kien a konoxjenza tas-soċjeta' sekwestranti tant li s-soċjeta' sekwestranti kienet tiġi wkoll ikuntatjata biex tbiegħ is-servizzi tagħha tramite dan l-istess Blog;*

*Illi s-sekwestrata tikkontempla li l-mandat de quo inħareġ abbuzivament u kontra kull bażi legali u għandu jiġi revokat jew varjat għar-raġunijiet segwenti;*

*Illi, inoltre, kif ser jintwera fis-sottomissjonijiet li ser jingiebu f'dan ir-rikors, l-ammont mitlub fil-mandat kawtelatorju mhuwiex prima facie ġustifikat u fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li tali mandat jinzamm fis-seħħ fir-rigward tar-rikorrenti sekwestrata.*

1. ***Intempestivita***

*Illi s-sekwestrata tikkontendi li l-mandat de quo huwa wieħed intempestiv u dan għal diversi raġunijiet, fosthom minħabba n-nuqqas da parti tas-soċjeta*

*sekwestranti għal kwalsiasi tip ta' interpellanza indirizzata lejn is-sekwestrata, liema interpellanza kellha tkun għal likwidazzjoni u jew ħlas ta' danni.*

*Illi s-sekwestrata ġiet notifikata b'mod abbuziv, liema fatt ser jiġi amplifikat fis-sottomissjonijiet aktar l-isfel, għaliex semmai, permezz ta' ittra ufficjali, s-sekwestrata ġiet mitluba biss tgħati rendikont, tieqaf tgħati servizzi u tirritorna kull propjeta' u fl-ebda punt fl-ittra ufficċjali ma' ssemmew xi danni, sia effettivi u sia potenzjali.*

*Illi huwa stramb ħafna li tlett (3) ġimgħat wara li ntbgħatet din l-interpellanza, b'miraklu s-Soċjeta Sekwestranti irnexxilha tidentifika u tikkwantifika d-danni li ġia soffriet u dawk li hija qed tipprevedi li se ssofri fil-futur.*

2. ***L-Ammont Kawtelat***

2.1 ***L-Ammont kawtelat mhux prima facie ġustifikat***

*Illi fit-talbiet tagħha s-soċjeta sekwestranti ma nkludietx ammont ċert u likwidu, tant li talbet lil din l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni allegatament sofferti minnha;*

*Oltre dan, fl-unika referenza li saret għas-somma ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000), ċioe fis-16 –il premessa tar-rikors ġuramentat tas-soċjeta sekwestranti, jirrizulta b'mod ċar illi waslet għas-somma abbazi ta' ipotezi, tant li ssir referenza għal "…spejjez zejda li ser ikunu nkorsi…" u "…telf ta' qliegħ li ser tbati…".*

***Illi s-somma kawtelata fil-mandat de quo ma tirraprezentax danni illi s-soċjeta' sekwestranti qed issofri fil-prezent imma tirraprezenta somma illi s-soċjeta' sekwestranti qed tipprevedi illi ser issofri. Għaldaqstant, fl-umli fehma tas-sekwestrata, din il-kalkolazzjoni ma turi xejn għajr incertezza dwar il-mod ta' kif is-socjeta' sekwestranti waslet għal tali somma;***

***Illi huwa stat ta' fatt li ma hemm l-ebda bażi realistika għall-ammont mitlub fil-mandat in kwistjoni u cioe' iċ-ċertezza rikjesta f'likwidazzjoni ta' danni hija għal-kollox nieqsa fir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' sekwestranti;***

***Illi s-soċjeta sekwestranti, fir-rikors ġuramentat tipremetti li s-soċjeta' sofriet danni u li s-soċjeta' ser tibqa' s-sofri danni u dan sabiex tagħmel tajjeb għal danni li ġew sofferti minħabba l-aġir tas-sekwestrata. Il-mod għal kif is-soċjeta' sekwestranti waslet għal tali kwantifikazzjoni hija għal kollox nieqsa;***

***Illi għaldaqstant isegwi illi l-ammont kawtelat fil-mandat de quo mhuwiex prima facie ġustifikat u għaldaqstant il-mandat għandu jiġi revokat;***

***2.2 Ammont Kawtelat huwa eċċessiv***

***Mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax is-sottomissjonijiet hawn fuq riportati, cioe illi l-ammont kawtelat mhuwiex prima facie ġustifikat, l-ammont kawtelat għandu jiġi meqjus bħalha eċċessiv;***

***Illi l-Abridged Annual Report and Financial Statements tas-soċjeta' sekwestranti (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B1) illi jindikaw il-pozizzjoni finanzjarja ta' l-istess soċjeta', jizvelaw illi sal-2014 is-soċjeta' sekwestranti kienet għamlet telf ammontanti għal mija disgħa u tmenin elf,***

***erba' mija u sebgħa u disgħin (189,497) Ewro, filwaqt illi fl-2015 hija inkorriet telf ulterjuri ta' erba' u erbgħin elf u tlett mija u tmientax (44,318) Ewro, b'dan illi sal-2015 is-soċjeta' sekwestranti kellha accumulated losses ammontanti għal mitejn tlieta u tletin elf u tmien mija u ħmistax (233,815) Ewro;***

***Għaldaqstant huwa inkomprensibli kif is-soċjeta' sekwestranti, li tagħmel dan it-tip ta' telf fix-xogħol tagħha matul sena sħiħa, qiegħda tippretendi li tikkawtela l-ammont ta' mija u ħamsin elf (150,000) Ewro mis-sekwestrata li kienet responsabbli biss għas-suq Ġappuniż meta kienet għadha impjegata mas-soċjeta' sekwestranti;***

***Illi s-soċjeta' sekwestranti hija aġenzija ta' l-ivjaġġar u huwa fin-natura ta' tali negozju li l-introjtu prinċipali ikun ibbażat fuq commissions li jitħalsu minn fornituri ta' servizzi u cioe', per eżempju, jekk jinbiegħu għaxar (10) biljetti ta' l-ajru, il-linja ta' l-ajru tikkonċedi ċirka ħamsa (5) fil-mija (%) tal-valur tal-biljett lill-aġenzija, wara li jiġu mnaqsa it-taxxi u spejjeż oħra.***

***Dan qed jiġi spjegat sabiex din l-Onorabbli Qorti tapprezza li jekk aġenzija ta' l-ivjaġġar jonqsila l-bejgħ tal-biljetti ta' l-ajru, sabiex hija ssofri telf ta' mija u ħamsin elf, it-tnaqqis fil-bejgħ irid ikun ta' ċirka tlett miljun (3,000,000) Ewro;***

***Għaldaqstant huwa evidenti illi s-somma ta' mija u ħamsin elf (150,000) Ewro kawtelata tramite l-mandat de quo hija waħda mhux ġustifikata u eċċessiva.***

3. ***<u>Fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju</u>***

***Illi s-sekwestrata u l-familja tagħha, inkluz binta ta' għaxar (10) snin, qegħdin isofru pregudizzju gravi b'rizultat tas-sekwestru de quo intavolat abbazi ta' l-allegazzjoni ta' danni sofferti mis-sekwestranti li huma bla bażi legali;***

***Illi minbarra l-kont personali tas-sekwestrata ġew ukoll sekwestrati żewġ kontijiet ta' żewġha, Christian McCarthy, li huma joint magħha (kopja ta' dokumentazzjoni relattiva hawn annessa u mmarkata Dok. C1);***

***Illi b'rizultat ta' dan, is-sitwazzjoni finanzjarja tas-sekwestrata u l-familja tagħha hija prekarja u qegħda twassal sabiex din il-familja tgħix f'kundizzjonijiet li mhumiex aċċettabli;***

***Illi kif stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana "l'intenzione del legislatore e' di considerare i mandati cautelatori con occhio poco benevolo, di autorizzare la spedizione soltanto quando sono assolutamente necessari, e di mantenerli in vigore soltanto pel tempo in cui durasse la loro necessit".[1]***

***4. Penali ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta***

***Illi fl-umli fehma tas-sekwestrata rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrevoka il-mandat de quo u kif ukoll tikkundanna lis-soċjeta' sekwestranti tħallas penali lis –sekwestrata rikorrenti fl-ammont massimu ravvizat fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi jirrisalu ċ-ċirkostanzi elenkati fis-sub-inċizi (b) u (d) tal-istess artikolu:***

---

[1] Emilia moglie del Maggiore Letham Charles Miller Blacker pro et noe vs Maria Costantina Howard, Appell Ċivili, 07.07.1920

(i) *L-artikolu 836(8) (b) jipprovdi illi penali għandhom jiġu imposti jekk 'l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed'.*

*Hija l-umli fehma tas-sekwestrata rikorrenti illi s-socjeta' sekwestranti naqset milli tiġġustifika il-ħruġ tal-att kawtelatorju de quo;*

*Inoltre l-istess sekwestrati rikorrenti jikkonfermaw illi fil-ħmistax (15) -il jum preċedenti għall-intavolar tar-rikors għall-ħrug tal-mandat in kontestazzjoni, is-soċjeta' sekwestranti fl-ebda mument ma għamlet talba lir-rikorrenti sekwestrata sabiex tipprovdiha b'sigurta' suffiċjenti għall-allegati danni li mhumiex likwidabbli;*

*Illi oltre dan, is-sekwestrata ġġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti s-segwenti fatti, liema fatti mhumiex konnessi direttament mal-penali surriferiti imma jirriflettu l-aġir in malafede tas-soċjeta sekwestranti;*

*Illi fix-xahar ta' Awwissu s-sekwestrata kienet msiefra minn Malta u kien marret il-Ġappun, fatt li kien a diretta konoxxenza tas-soċjeta' sekwestranti, billi s-sekwestrata akkwistat il-biljetti mingħand is-soċjeta' sekwestranti ;*

*Illi minkejja dan is-soċjeta sekwestranti abbuzat mill-proċeduri legali billi bgħatet ittra uffiċjali indirizzata lis-sekwestrata waqt li*

*kienet taf li kienet assenti minn Malta, bil-lingwa Maltija, meta kienet taf li s-sekwestrata ma' tafx il-lingwa Maltija, liema ittra uffiċjali m'għamlet ebda referenza għal danni u l'għada tar-ritorn tagħha f'Malta, inħareġ il-mandat ta' sekwestru de quo ;*

*Illi għaldaqstant jidher biċ-ċar il-malafede tas-soċjeta' sekwestranti li aġixxiet b'abbuz u b'nuqqas ta' osservanza tal-proċeduri stabiliti mill-liġi;*

*Illi, in ġenerali, il-mandati kawtelatorji, appuntu għax isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u allura d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża;*[2]

*In vista tas-suespost għandhom jiġu imposti l-penali minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836(8) (b);*

(ii) *Finalment, in vista tas-sottomissjonijiet suesposti, illi jinkludu fost ohrajn intempestivita' u li l-proceduri intavolati kontestwalment mal-istess huma bla bazi legali, it-talba tas-socjeta' sekwestranti hija frivola u vessatorja u ghaldaqstant ghandha tikkonduci ghall-impozizzjoni ta' penali ai termini tal-artikolu 836(8) (d);*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha fuq esposti u fatti oħra li ser jiġu prezentati waqt is-smiegħ ta' dan ir-rikors, s-sekwestrata rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha :*

[2] *Vide.* Avv. Carmelo Scicluna vs Joseph Fenech nomine, Appell Kummerċjali, 08.03.1968 u Vasslo Raymond vs. Micallef Edward – 18.06.2010

1. ***T'appunta għas-smiegħ u tisma r-rikors odjern b'urgenza ai termini ta' l-Artikolu 836(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. ***Tordna t-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1268/16 fl-ismijiet hawn fuq premessi ai termini ta' l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

3. ***Timponi l-penali kontra s-soċjeta' sekwestranti ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;***

4. ***Tillikwida u tikkundanna lis-soċjeta' sekwestranti tħallas, in line ta' danni, lis-sekwestrata ammont illikwidat minn din l-Onorabbli Qorti kawza tad-danni li ġarbet din ta' l-aħħar minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru numru 1268/16 fl-ismijiet hawn fuq premessi ai termini ta' l-Artikolu 836 (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;***

5. ***F'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-mandat de quo għandu jinzamm fis-seħħ, tvarja l-mandat ta' sekwestru billi tnaqqas l-ammont kawtelat għal wieħed li jirrifletti l-fatti tal-kaz u c-cirkustanzi partikolari tiegħu .***

***Salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq tagħti ".***

Rat ukoll ir-risposta tas-sekwestranti fejn gie sottomess illi :

***"L-esponenti qieghda topponi ghat-talba ghal hrug ta' kontro mandat u/jew l-imposizzjoni ta' penali mitluba mir-rikorrenti a tenur tal-Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 mitlub mis-sekwestrata fil-mandat fuq premess.***

***Qabel xejn ghandhu jigi rilevat  illi l-bqja tas-sekwestrati bl-eccezzjoni ta' Tomie McCarthy gia Makita diga avvalew ruhhom minn tali proceduri, ai termini rikors revoka numru 885/16.***

***1. Intempestivita***

***Illi s-socjeta esponenti tissottometti illi s-sekwestrata McCarthy kienet kemm il-darba imwiddba, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, sabiex twaqqaf l-ghagir dannuz taghha u ghaldaqstant tali azzjoni zgur ma tistax titqies bhala wahda intempestiva.***

***Fir-rigward tal-ittra ufficjali jidher illi s-sekwestrata'bi zvista' tonqos milli tiehu kont tal-fatt illi s-socjeta esponenti kienet widbitha illi jekk kienet ser tkompli b'dan l-ghagir hekk reklamat kienet ser tohrog mandati skont il-ligi minghajr pre-avviz ulterjuri [kopja tal-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A].***

***Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi huwa inkoncepibbli illi s-sekwestrata konspevolament tkompli bl-ghagir taghha daqs li kieku xejn mhu xejn u fl-istess waqt tippretendi illi l-esponenti ma taghmel l-ebda att gudizzjajru bil-ghan illi tipprotegi u tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.***

***Ghaldaqstant indipidentement minn kwalunkwe att gudizzjarju li seta' gie indirizzat lir-rikorrenti, zgur li ma jistax jinghad illi McCarthy ma kinitx taf x'ser ikunu l-konsegwenzi tal-ghagir taghha.***

***F'dan ir-rigward isir riferenza ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Reno Tonna Vs  Hydrodynamics Limited [912/02/TM] fejn il-Qorti***

*spjegat: "Ghar-rigward ta' l-ewwel punt, gia gie deciz minn din il-Qorti li s-sejha rikjesta bil-ligi tista' ssir bi kwalunkwe mod, u semplici ittra jew talba verbali hi sodisfacenti."*

*Illi fir-rigward tan-notifika tal-ittra ufficjali "b'mod abbusiv" wiehed jistaqsi; x'hemm abbussiv f'notifika ta' att gudizzjarju tramite il-proceduri tal-Qorti? Ghaldaqstant jekk s-sekwestrata ghandha xi oggezzjonijiet f'dan rigward, ghandha tressaq il-pretensjonijiet taghha lejn id-Direttur tal-Qorti u mhux tressaq tali allegazzjoni bhala raguni ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju, liema raguni hija ghal kollox irrelevanti.*

*Illi ghal dak li ghandhu x'jaqsam mal-kalkolu 'mirakoluz' tad-danni sofferti mis-socjeta esponenti, jigi rilevat illi tali allegazzjoni hija ghal kollox frivola u irrelevanti u ma ghandha x'taqsam xejn mal-intempestivita tal-azzjoni. Izda minkejja dan l-esponenti ggib a formali konjizzjoni tas-sekwestrata illi hija diga ressqet prova tal-kalkolu tad-dannu soffert minnha u ghal tali fini qed terga tannetti kopja tar-rapport [kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B].*

*Ghaldaqstant gie pruvat bic-car illi l-mandat kawtelatorju ma huwiex intempestiv b'hekk isegwi li t-talba tas-sekwestrata ghandha tigi michuda*

*2. L-ammont kawtelat*

*L-ammont kawtelat mhuwiex prima faciae gustifikat jew eccessiv*

*Fir-rigward tal-ammont is-sekwestrat*

***a) Prima faciae***

*Jigi rilevat illi huwa inaccettabli il-fatt illi s-sekwestrata tipprova tiggustifika n-nuqqas ta' prima faciae minhabba li d-danni huma da liquidare. Xi trid tfisser ir-rikorrenti? illi minhabba l-fatt illi l-ammont tad-dannu ma jistax jigi mija fil-mija accertat is-socjeta esponenti ma ghandhiex dritt tikkawtela l-pretensjonijiet taghha mill-ghagir dannuz li gie u qieghed jigi kkawzat minn McCarthy u mill-bqija tal-intimati? Dan qieghed jigi sottomess minghajr pregudizzju ghall-fatt illi kwalunkwe indagni fuq l-ammont innifsu illi ghandu jigi kkawtelat hija ezaminazzjoni fuq il-mertu ghaldaqstant irrelevanti ghall-proceduri odjerni, kif ukoll ghal-fatt illi kif gie hawn aktar il-fuq sottomess is-socjeta esponenti tramite Dokument B ssostanzjat il-pretensjoni vvantata minnha.*

***b) Eccessiv***

*L-esponenti tirrileva illi l-argumenti mressqa mils-sekwestrata sabiex tiggustifika t-tnehhija tal-mandat kawtelotarju huma ghal kollox fallaci u minghajr l-ebda bazi;*

1) *fl-ewwel lok il-fatt illi s-socjeta setghet sofriet telf finanzjarju ma jfissirx illi ma ghandhiex tipprotegi ruhha minn danni finanzjajri ulterjuri dolozament ikkagunati mis-sekwestrata. Ghaldaqstant mhijiex raguni valida illi ladarba wiehed ikun qieghed isofri xi forma ta' dannu ma ghandhux dritt jikkawtela s-sofferenza ta' dannu ultejuri kkagunat minn terzi;*

2) *fit-tieni lok l-ezempju mressaq mis-sekwestrata rigward commissions relatati minn biljetti tal-ajru huwa ghall-kollox irrelevanti u bbazat fuq suppozizzjonijiet u prezunzjonijiet minghajr l-ebda bazi. Illi kif diga gie*

*sottomess hawn aktar il-fuq id-dannu huwa wiehed kkalkolat fuq numru ta' snin u bhal ma ben taf s-sekwestrata waqt li kienet fl-impjieg tas-socjeta esponenti, l-introjtu minn commissions huwa hafna iktar vast minn semplici commissions fuq biljett tal-ajru.*

*Fil-kaz odjern id-danni pretizi mill-esponenti jikkomprendu kemm spejjez u danni attwali rapprezentanti vjaggi fil-Gappun bil-ghan illi jigi minimizzat id-dannu u risanati r-relazzjonijiet kummercjali, kif ukoll t-telf ta' qliegh kawzat mit-telf ta' klijenti fis-suq Gappuniz.*

*Is-socjeta esponenti tirrileva illi n-natura ta' mandat kawtelatorju huwa tali li biex ammont jitqies bhala eccessiv "irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ic-cirkostanzi tal-kaz ma jistghux izewgu ma' xulxin." (sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Spiteri et vs. Darmanin et, datata l-25 t'Awwissu, 2010).*

*Ghaldaqstant it-talba tas-sekwestrata ghat-thassir jew il-varjazzjoni tal-ammont fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandha tigi michuda*

*3. Mhuwiex Ragenovoli li l-mandat kawtelatorju jibqa fis-sehh*

*Illi kuntrarjament ghal dak allegat mis-sekwestrata l-unika somma flus li giet sekwestrata lilha kienet ta' madwar ghaxar t'elef euro [kopja tac-cedola qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C] u ghal dak li jirrigwarda l-joint accounts l-istess bank informa s-socjeta esponenti illi ma kienx ser jissekwestra tali kont stante illi ma kienx jaf lil min jappartjenu il-flus ghaldaqstant l-ebda joint account ma gie ssekwestrat [kopja tal-ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D].*

***Ulterjorment jigi rilevat illi mill-ammont ta' mija u hamsin elf (€150,000) fuq hames intimati s-socjeta esponenti rnexxiela tikkawtela biss ftit iktar minn sittin elf euro (€60,000) ghaldaqstant huwa iktar u iktar ragonevoli li jinzamm il-mandat kawtelatorju jibqa wkoll fis-sehh kontra s-sekwestrata***
***Illi bir-rispett kollhu l-ilment tas-sekwestrata mhuwiex dirett lejn bdil fic-cirkostanzi izda lejn l-inkonvenjent li qed isoffri kawza tal-mandat, liema inkonvenjent ma huwiex pruvat u dan kif sottomess hawn aktar il-fuq.***
***Ghaldaqstant it-talba tas-sekwestrata ghandha tigi michuda.***

***4. Penali***

***Illi fl-ewwel lok is-socjeta esponenti tirrileva illi hija ma ghandha thallas l-ebda penali stante illi kull ma ghamlet huwa li ezercitat biss rimedju moghti lilha fil-parametri tal-ligi u dan sabiex tikkawtela l-pretensjoniiet taghha, liema att huwa gustifikat ai termini tal-istess.***

***Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet relatati ma l-ittra ufficjali is-socjeta esponenti tissottometti illi kwalunkwe att gudizzjarju ghandu jigi notifikat bil-Malti u daqstant jekk s-sekwestrata kellha problema bil-lingwa setghet facilment marret ghand l-avukat taghha u kien jispjegala il-kontenut, u dan jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt illi s-sekwestrata kienet mwissija verbalment mhux darba jew tnejn tal-ghagir taghha u daqstant ma tistax tippretendi illi l-mandat kawtelatorju kien ta sorpriza ghaliha.***
***Jekk s-sekwestrata qed takkuza nuqqas ta osservanza tal-proceduri tal-ligi ghandha tindika l-artikolu u mhux tallega mala fede u nuqqasijiet da parti tal-esponenti minghajr ma tressaq l-ebda prova.***

***Ulterjorment jigi dikjarat illi il-mandat ta sekwestru kawtelatorju la huwa frivolu u anqas vessatorju semai vessatorju huwa l-ghagir tas-sekwestrata illi avvicinat klijenti tas-socjeta esponenti bil-ghan illi tisraqhom.***

***Illi stante illi ma jissusistux ir-rekwiziti disposti ai termini tal-artikolu 836(8)(b) kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-imponiment tal-penali ai termini tal-ligi huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti, is-socjeta esponenti titlob lil din il-Qort fi kwalisiasi kaz tichad it-talba attrici ghall-imponiment tal-penali***
***Illi ghalhekk ma jezistux l-estremi sabiex jinhareg il-kontro-mandat rikjest u/jew jigi mposta penali kontra s-socjeta esponenti.***

***Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta esponenti titloba bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha".***

Rat l-atti kollha lilha presentati;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi s-sekwestrata Tomie Makita tressaq it-talbiet taghha ghar-revoka tas-sekwestru ai termini ta' l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel attakk indirizzat mir-rikorrenti lejn dan is-sekwestru huwa ghal fatt li hi kellha biss relazzjoni ta' xoghol mas-socjeta' sekwestranti, relazzjoni li skontha damet bejn is-snin 2016 u 2017. Ta' dan hi esebit il-kuntratt ta' impieg

li jirrifletti dana[3]. Fil-fatt dan il-kuntratt juri li l-impieg taghha nbeda gia mis-sena 2007, precizament fl-10 ta' Settembru, ghalhekk jirrizulta lir-rikorrenti sekwestrata kienet ilha gia ghal zmien twil tahdem fi hdan is-socjeta' sekwestranti bil-konsegwenza li kellha, kif allegat mill-istess socjeta sekwestranti, gharfien tajjeb tal-klijenti u l-operat taghha.

Ir-rikorrenti tilqa ghal dan is-sekwestru ukoll billi tikkontendi li dana ma kienx *prima facie* gustifikat, ukoll tqies li l-ammont ikkawtelat huwa wiehed eccessiv, dan dejjem ai termini ta' l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

A priori din il-Qorti terga tirritjeni kif dejjem ghamlu il-Qrati nostrana illi l-ezami li trid taghmel hawn huwa bla dubbju u biss dak sal livell ta' *prima facie*. Hija ma tista qatt tidhol fid-dettal ta' l-ezami tal-lanjanzi mressqa b'tali mod illi tuzurpa il funzjoni li trid tezercita meta tigi biex tiddeciedi ir-rikors guramentat gia presentat kontestwalment mal-mandat kawtelatorju.

Illi nghad fid-digriet "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** P.A.(RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u *"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll "li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel I-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".(Ara wkoll P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited – P.A. RCP.10 ta' Mejju 2001; Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).*

[3] Dok B Fol A1

Ghalhekk bla dubbju ta' xejn kull stedina lil Qorti li tezamina *in funditus* it-talbiet mressqa fir-rikors jew il-veru mertu tal-bazi tal-mandat ma jistghux jigu ikkontemplati f'dan l-istadju.

In succinct pero s-socjeta sekwestranti tallega ksur ta' relazzjoni fiducjara maghha mis-sekwestrata Tomie McCarthy bl-ghajnuna tas-sekwestrati l-ohra bil-konsegwenza illi skontha tilfet u se titlef hafna negozzju mas-suq Gappuniz/ Korejan/ Asjatiku.

Min naha taghha ir-rikorrenti sekwestrata jsostnu li mas-socjeta sekwestranti illum m'ghandha ebda relazzjoni guridika, tinsisti illi l-ammont kawtelat huwa wiehed eccessiv u mhux prima facie gustifikat .

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkoncerna talba ghar-revoka jekk l-ammont kawtelat mhux *prima facie* gustifikat jew huwa eccessiv. Ghalhekk **mad-daqqa t'ghajn** [4] il-Qorti ghandha tara jekk is-socjeta sekwestranti ghandhiex bazi ghal pretensjoni minnha vantata, tant li tali pretensjoni tqarreb lejn dak minnha pretiz fis-sekwestru kawtelatorju.

Is-sekwestrata, gia bhal ma gara fir-rikors ghar-revoka presentat mis-sekwestrati l-ohra, taghti stampa tas-socjeta' sekwestranti bhala wahda li qed tinkorri telf konsiderevoli bil-konsegwenza allura illi l-ammont ikkawtelat kif minnha mahdum a bazi tal-*commissions* dovuti , huwa *prima facie* la gustifikat u anke eccessiv. [5] Dan l-attakk huwa mibni ukoll fuq il-fatt lit-talba fir-rikors guramentat hija wahda mressqa "*da liquidare".*

---

[4] Enfasi tal-Qorti.

[5] Fol 3

F’dan ir-rigward inghad mill-qrati taghna fil-provediment moghti fil-*ismijiet* **"Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea**" *tad-29 ta’ Lulju 2005:*

*“L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista’ jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m’huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t’għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta’ pretensjoni (dak li f’oqsma oħra ta’ dritt jissejjaħ il-“fumus juris” tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex “jillikwida” tali pretensjoni f’somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m’għandu qatt jinsa f’dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m’għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b’leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha . Biex ammont imsemmi f’att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa bhala wiehed maghmul b’mod azzardat”*[6]

Minn naha taghha s-socjeta’ sekwestranti tilqa ghal dan l-attakk billi ressqet rapport ta’ dak li huwa stmat bhala telf inkors minnha mis-suq Gappuniz u Korejan.[7]

Ghalkemm anness ma l-istess rapport hemm inkluz presumibilment dawk li jidhru li huma ricevuti mahruga b' lingwa ghal kollox estraneja ghal Qorti, fuq

[6] DIS Equipment Rental Limitec vs Rachid Laccheb et nominee. P.A. JRM deciza 6 ta’ Awwissu 2009.
[7] Dok B fol 26

bazi **biss** ta' *prima facie* jidher li a skorta ta' dak hemm citat, lil-pretensjoni mressqa fis-sekwestru hija wahda gustifikata u ma tidhirx mad-daqqa t'ghajn li hija wahda eccessiva. Dana jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi kieku l-ammont verament jigi likwidat kif mitlub mis-socjeta' sekwestranti fir-rikors guramentat, dana mhux tenut li jirrifletti bl-ezatt u bil-punto u virgola dak ikkawtelat.

**Ghaldaqstant it-talba ghar-revoka taht dan is-sub inciz qeghda tigi michuda.**

Ir-revoka giet ukoll mitluba a bazi tas-sub inciz 836(1)(f) tal-Kap 12. F'dan il-kaz biex tirnexxi din it-talba jinhtieg li jintwera li fic-cirkostanzi m'huwiex aktar ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa gustifikabbli . Fil-provediment **Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investments Limited et** tat 3 ta' Settembru, 2012 per JRM 780/12 dan is-sub artikolu gie interpretat b'dan il-mod:

*"Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutant m'għandux jedd għall-kumpens tad-danni minnu pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;*

*Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-*

*istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-sehh.*[8] *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;"*

Ir-rikorrenti tibbaza l-ilment taghha fuq il-fatt illi dan is-sekwestru qieghed jikkaguna danni lilha u lil familtha, inkluz bintha ta' ghaxar snin. Kif dana qed issehh ma giex muri lil Qorti. Certament ghalkemm att kawtelatorju ma jista jkun jew isir b'intenzjoni li jivvessa, pero xorta mhux intiz li jaghti pjacir!. Ma tistax il-Qorti tifhem il-lanjanza tas-sekwestrata Makita meta jidher li l-unika kont affettwat b'din il-kawtela huwa biss dak li hemm f'isimha, dana kif muri mid-dokumenti esebiti mis-socjeta sekwestranti Dok C u D.[9]

Terga u tghid ir-rikorrenti Makita ma ressqet ebda prova li turi xi bdil ta' cirkostanzi li kienet tiggustifika t-tnehhija jew tnaqqis tal-mandat. Il-fatt li gie affettwat kont bankarju taghha huwa konsegwenza logika u legali tal-mandat innifsu mhux raguni ta' l-ilment kif minnha mressaq.

**Ghar-ragunijiet premessi anke t-talba taht dan is-sub inciz (f) hija ukoll respinta.**

L-ahhar talba tar-rikorrenti hija dik ta' imposizzjoni ta' penali ai terminu ta'836 (8) (b) u (d) tal-Kap 12.

Ir-rikorrenti tibbaza it-talba ghal penali fuq il-fatt illi skont l-artikolu 836(8)(b) is-socjeta sekwestranti naqset li tinterpella lis-sekwestrata milli thallas id-dejn, cioe f'dan il-kazi id-danni pretizi. Ghalkemm l-ewwel attakk tar-rikorrenti fil-

[8] GC 3.82001 Dr. Tonio Fenech noe vs Dr.Patrick Spiteri et. noe et.
[9] FOL 54 U 55

konfront ta' dan is-sekwestru kien l-intempestivita' tal-mandat, ghaliex skontha is-socjeta' sekwestranti naqset li tinterpellaha ghal likwidazzjoni u jew hlas ta' danni, pero taht din it-talba avanzata ghal imposizzjoni tal-penali ghalkemm tammetti li irceviet ittra ufficjali, tattakka l-istess att skontha ghax dan sar in *mala fede* darba li gie lilha notifikat meta kienet imsiefra u wkoll ghax gie mibghut lilha, cioe redatt, bil-lingwa maltija.

L-ittra ufficjali interpellatorja n kwistjoni hija wahda datata 10 ta' Awwissu, 2016[10]. Il-mandat innifsu gie presentat fil-31 ta' Awwissu. Ghal din il-Qorti, dejjem mad-daqqa t'ghajn, l-ittra ufficjali presentata hija abbastanza indikattiva tal-lanjanzi tas-socjeta sekwestranti u l-intenzjonijiet taghha fil-konfront tas-sekwestrata Makita. Oltre dan ir-rikorrenti setghet dejjem tirrikorri ghal provedimenti tal-Kap 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tieni talba ghal-imposizzjoni ta' penali hija mressqa taht is-sub inciz (8)(d) tal-Kap 12. Is-sekwestrata tibni din it-talba fuq nuqqas ta' bazi legali tal-proceduri ntavolati, l-intempestivia' kif ukoll lil pretensjoni mressqa hija wahda frivola u vessatorja.

Dan is-sub-artikolu jitkellem dwar imposizzjoni ta' penali fuq is-sekwestranti jekk jirrizulta lit-talba kawtelatorja saret b'malizja, tkun frivola jew vessatorja.

Apparti ghal fatt lil l-artikolu 836(8) huwa wiehed ta' ordni pubblika tant lil penali hemm ikkontemplati huma mahsuba biex ma jsir ebda abbuz minn process gudizzjarju, f'dan il-kaz mandat kawtelatorju, pero minn jallega hazen, malizja jew frivolosita' jinhtieg li almenu sa bazi ta' *prima facie* jikkonvinci

[10] Fol 35 Dok A

f'dan.[11] Fil-waqt lil buona fede hija presunta, minn naha l-ohra il-hazen jinhtieg li jigi pruvat[12]. Dana qed jinghad ghar-rigward tal-fatt lir-rikorrenti ressqet ilment ta' *malafede* da parti tas-sekwestranti ghal meta giet presentata l-ittra ufficjali, cioe tul is-safar taghha, u ghal fatt kif gia inghad li din saret fil-lingwa Maltija.

Pero maghduda dawn l-ilmenti kollha u tenut kont ta' l-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dawn il-proceduri, ma giex muri lilha a sodisfazzjon taghha illi il-mandat intalab b'xi mod frivolu u jew vessatorju.

Illi maghmula dawn il-konstatazzjonijiet u meqjusa is-sottomissjonijiet mismugha, tqies li f'dan l-istadju anke dawn it-talbiet ta' imposizzjoni ta' penali ghandhom jigu michuda.

**Ghaldaqstant tichad ukoll kull talba avvanzata ghal imposizzjoni ta' penali kif ukoll kull talba ohra mressqa.**

**Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti sekwestrati.**

**Miriam Hayman**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**

---

[11] Ara Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella noe. Et. P.A. 25/06/2014
[12] Avv. Ann Fenech noe. Vs Il-Bastiment MY Whispering Angel, P.A. 05/06/2015